# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 2 u 6 ta' Ottubru 2005 fil-5.00p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Novembru 2005 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Diċembru 2005 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Jannar 2005 fit-3.00p.m.
   Ikun hemm trasport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwart qabel il-ħin tal-laqgħa.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' shubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6 A/2, Main Street, Siġġiewi jew mill-website tal-Moviment.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (**bil-Malti u bl-Ingliż**) kif ukoll domni, **keychains** u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAHRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 64 OTTUBRU 2005 JITQASSAM BLA ĦLAS

# TISLIMA LIL MONS. CARMELO XUEREB VIGARJU EMERITUS



*Mons. Carmelo Xuereb, Viugarju Emeritus, flimkien ma' Ġuża Mifsud waqt żjara li hu kien għamlilha fid-dar tagħha fis-Siġġiewi.*

Kien proprju kif spiċċat il-laqgħa ta' talb tad-19 ta' Ġunju 2005 li xi devoti tal-Madonna qaluli li kien miet Mons. Xuereb. Dak il-ħin inħsadt u tnikkitt iżda mbagħad ħassejt li għandna ħabib ieħor tal-Moviment "Madonna tal-Konsagrazzjoni" li qed jitlob għalina mis-sema biex dan il-Moviment ikompli jagħti l-frott.

Ma nistax ma niftakarx f'dawk id-drabi li kont immur inżuru l-Kurja. Kien fis-snin tmenin meta kien għadu Vigarju Ġenerali u kont immur jew għax tibgħatni Ġuża jew drabi oħra fuq inizzjattiva personali (għalkemm lil Ġuża dejjem kont ninfurmaha minn qabel x'ser

naghmel). Dejjem laqaghni fl-uffiċċju tiegħu u tani l-ħin kollu li kien ikolli bżonn. Kien jismagħni b'attenzjoni kbira u l-pariri siewja tiegħu qatt ma naqsu. Niftakar kif darba, tani hu stess suġġeriment ta' kif għandi npoġġi l-kliem għal waħda mill-istrofi tal-Kurunella lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u darba oħra kif bis-solitu tbissima kien qalli li meta jkun il-waqt il-Madonna ma għandhiex bżonn avukati biex tiehu dak li trid. Nimmaġina li dakinhar kont qed nipprova nkun persważiva u nuża l-professjoni tiegħi xi naqra aktar mis-soltu. Għadni wkoll ngħożż il-kuruna tar-rużarju li kien tani waqt waħda minn dawn il-mawriet tiegħi għandu. Ġieli mort ukoll id-dar tiegħu il-Furjana, kienet tibgħatni Ġuża b'xi *cassette* ta' xi laqgħa ta' talb li tkun għamlet il-Girgenti biex lilu kienet iżżommu aġġornat fuq il-każ tagħha anka meta ma baqax jaqdi d-dmirijiet uffiċċjali tiegħu fil-Kurja.

Żgur li xi whud inzertawh il-Girgenti. Kien jitla' b'mod privat, drabi waqt il-laqgħat ta' talb u drabi oħra kien jitla' jżur il-Madonna fil-kwiet u l-paċi li joffri dan il-post marjan. Ħafna jixhdu li dejjem kien juri x-xewqa li ż-żjarat tiegħu kienu jkunu aktar frekkwenti kieku saħħtu kienet tippermetti dan.

Kienu darbtejn id-drabi li ndirizza d-devoti tal-Madonna meta tela' waqt il-laqgħat tat-talb. Waqt il-laqgħa ta' Lulju 1992 huwa qal: " Maħbubin ħuti, nibda biex ngħid li hawnhekk ninsab pellegrin bħal kull wieħed u waħda minnkom. Ma jiena nirrappreżenta lil ħadd ħlief lili nnifsi. Jiena ġejt biex nagħti qima lill-Madonna u biex nitlobha, lill-Marija Santissima, iżżommni dejjem taħt il-mant tal-protezzjoni tagħha.

Kien hemm min qalli tmurx għal-laqgħa li sejra ssir il-Girgenti nhar il-Ħadd għaliex jinqdew bik, jisfruttawk, jagħmlu propaganda bik. Għal dan il-kliem ma tajtx kas u bir-raġun kollu. Jiena naf lil Ġuża u għandi rispett lejha. Ġuża mhix xi negozjant li jrid jagħmel propaganda għal prodotti tiegħu...

Ġuża twieldet fqira u qed tgħix ta' fqira, kif smajtu minn għandha u kif rajt b'għajnejja nnifsi. Ġuża fi kliem ta' Mons. Grima, li għal snin twal kien id-direttur spiritwali tagħha hija ruħ innamorata mill-Verġni mbierka u l-għan tagħha hu li toffrilha ħajjitha u tara oħrajn jikkonsagrawlha ħajjithom u jikkonsagrawlha l-imħabba tagħhom.

Nirrikkomandalkom komplu iġru wara l-Madonna. Kulfejn tinsab il-Madonna hemm il-barka tas-sema..."

Mons. Xuereb reġa' ndirizza laqgħa ta' talb oħra fis-17 ta' Jannar 1996 fejn fost affarijiet oħra qal, "Jiena ma ġejtx illejla biex nitkellem, imma biex nitlob magħkom, biex ngħid ir-rużarju magħkom. Imma talbuni biex nitla' hawnfuq mingħajr ma kelli l-fehma li nitla' u li ngħidilkom kelmtejn fuq il-Madonna... Waqt il-konċilju, il-Padri Konċiljari... ddedikaw it-tmien kapitolu tagħhom dwar il-Knisja lill-Madonna. Urewna li Marija Santissima hija l-figura tal-Knisja, dik li l-aktar ikkoperat fil-qrib ma' Kristu għat-twaqqif tal-Knisja.

X'inhi l-Knisja? Il-Knisja hija aħna, aħna l-insara li nappartjenu għal Ġesù, aħna li rridu nagħmlu tagħna l-vanġelu u l-messaġġ tiegħu. Il-Papa Pawlu VI tafu x'kien jgħid? *Non si puo essere Cristiani senza essere Mariani*, ma nistgħux inkunu nsara jekk kemm-il darba ma nkunux mimlijin imħabba lejn il-Madonna, jekk kemm-il darba ma nikkonsagrawx il-qalb tagħna lil Ġesù permezz ta' Marija..."

Iżda din il-laqgħa żgur tibqa' mfakkra għall-osservazzjoni li Mons. Xuereb għamel qabel ma bdiet il-litanija. Huwa qal, "Fil-litanija hawn l-invokazzjonijiet 'Xebba kollok għaqal': 'xebba li tisthoqq kull qima': 'omm u xebba', li lili ma jogħġbunix. Lill-Madonna ma ngħidulhiex xebba imma ngħidulha verġni: 'omm u verġni'. Ix-xbubija fil-Malti ma



tifissirx verġinità, tista' tkun xebba u tista' tkun omm. Iżjed sabiħa l-invokazzjoni 'Omm u Verġni'. Meta xebba ssir omm, ngħidu: 'Dik ix-xebba miskina saret omm. Miskina.' Lill-Madonna għandna nsejħulha verġni u tant tieħu gost meta nsemmgħulha l-verġinita' tagħha..." Filfatt minn dakinhar, fir-rużarju li ngħidu l-Girgenti qatt ma wżajna aktar il-kelma "xebba" imma lqajna bil-qalb din l-osservazzjoni u bdejna nużaw il-kelma "verġni" sabiex lill-Madonna nagħtuha kull ġieħ possibbli.

Fit-30 ta' Ottubru 1996, kien proprju Mons. Xuereb li kkonċelebra l-quddiesa tal-funeral ta' Ġuża. Waqt l-omelija, huwa qal, "...Ġuża kompliet sa l-aħħar bis-serenità kollha tistenna l-ġurnata li fiha, il-mument li fih kellu l-Mulej isejjħilha għal ħdanu... Hi laqgħet il-mewt bl-akbar serenità, u hija ħaġa ovvja, għaliex Ġuża ma kellhiex rabtiet mad-dinja. Il-qaddisin ma jkollhomx rabtiet mad-dinja, m'hu ser iħallu xejn warajhom...

Irridu jew ma rridux meta tiġi l-mewt... aħna rridu nbaxxu rasna għall-ordni tagħha. Għalhekk il-qalb tagħna rridu noqogħdu attenti li ma nħalluha tintrabat ma' xejn, tintrabat ma' Alla, tintrabat mal-Madonna u dawn ir-rabtiet li kellha Ġuża, ir-rabta ma' Alla. Niftakar li madwar għaxar snin ilu, fis-sena 1987, kont Vigarju l-Kurja, Ġuża ġiet flimkien ma' Monsinjur Grima biex tarani u biex naturalment nagħti s-siġill uffiċċjali tad-deħriet li kellha mill-Madonna, li kienet tallega li kellha mill-Madonna. Dan ma stajtx nagħmlu jien, dan ma tistax tagħmlu l-Knisja. Il-Knisja l-proċedura tagħha hija proċedura ta' eżami rqiq, ta' eżami fin qabel ma tasal għad-deċiżjoniet tagħha. Pero' jiena għedtilha biex tkompli tkabbar in-numru ta' dawk l-erwieħ li jridu jitqaddsu, jersqu lejn Ġesù permezz ta' Marija Santissima. Ħarġet hi u kellimni Mons. Grima waħdi u qalli: "Ilni ħafna nidderiġi erwieħ, imma ruħ mistika bħalma kienet ta' Ġuża, bħalma hi ta' Ġuża qatt ma ltqajt magħha." Kellu din l-idea sublimi ta' din ir-ruħ marbuta intimament ma' Alla, marbuta kompletament u intimament mal-Mulej...

Bħalma kellha rabta kbira ma' Ġesù, Ġuża kellha rabta kbira ma' Ommna Marija Santissima, u lkoll aħna xhieda ta' kemm mexxiet id-devozzjoni, ta' kemm ħabirket biex l-erwieħ jikkonsagraw irwieħhom lill-Marija Santissima u permezz tal-Madonna lil Ġesù, għaliex dan huwa t-tagħlim tal-Knisja, *ad Jesum per Mariam,* għal għand Ġesù permezz tal-Madonna.

Lejn Ommna Marija Santissima Ġuża tgħid li kellha u ċertament kellha magħha intimita' kbira u rrid nifhem jiena illi llum twettqet ix-xewqa kbira tagħha. Meta mort naraha fil-kappella hawnhekk fil-viċin xtaqt illi nkantaw flimkien "O kemm nixtieq narak, O ħelwa tiegħi Marija." Min jaf kemm kienet tgħidhom dawn il-kliem, jekk kemm-il darba mhux bil-kant tal-vuċi imma bil-kant ta' qalbha...

U llum ċerti li Ġuża tinsab ħdejn il-Madonna. Jalla tiġi l-ġurnata li flimkien, bħal Ġuża, għaliex inkunu ħabbejna lil Marija Santissima ningħaqdu magħha u mal-qaddisin fis-sema, fejn Alla l-imbierek ikun il-feliċità tal-qalb tagħna għal dejjem."

Din il-ġurnata waslet ukoll għal huwna fi Kristu Mons. Xuereb. Lill-Madonna kien iħobbha ħafna u żgur li hi ppremjatu ta' din l-imħabba kbira li hu kellu lejha.

F'isem il-Kumitat u l-membri tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni u l-qarrejja ta' dan il-fuljett, inwassal il-kondoljanzi lil qraba ta' Mons. Carmelo Xuereb u jalla l-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem, id-dawl ta' dejjem jiddi fuqu u jistrieħ fil-paċi, amen.

*Sylvana Spiteri LL.D*

# GRAZZJI MAQLUGĦA

**Devota tal-Madonna kitbet hekk:** Ilni aktar minn tliet snin li ersaqt sa ħdejn in-niċċa tiegħek u għamiltlek viżta. Niftakar dakinhar kont għaddejja ma' ħabiba tiegħi u qaltli biex nieqfu ftit ħdejk. Aħna hekk għamilna. Konna tlabnik biex it-tnejn li aħna ssibilna lil xi ħadd responsabbli u li jkun iħobbna b'sinċerità u mħabba ta' veru. Xtaqna t-tnejn li aħna nsibu ġuvni li jirrispettana u li flimkien, bl-għajnuna t'Alla, nibnu familja.

L-esperjenza li għaddejt minna jien ma kinitx waħda faċli u għadni sallum niftakar fiha u nħoss weġgħat kbar... Pero', bil-għajnuna tiegħek u t'Alla, irnexxili nissupera l-mumenti mudlama li kont fihom u nimxi fit-triq li wittejtuli.

Ftit xhur oħra ser niżżewweġ raġel li nista' ngħid li għandu l-kariżmi kollha li xtaqt fih. Nemmen bis-sħiħ li kont int, bl-interċessjoni tiegħek li laqqajtni mal-futur raġel tiegħi hekk kif talbi ntlaqet. Ma naħsibx li stajt niltaqa' ma xi ħadd ieħor li mela eżatt u pparaguna sew mal-bniedem li jien stess kont tlabtek biex tlaqqani.

Għalkemm ħdejn bosta l-problema tiegħi hi ċkejkna u minuri, int kont taf li jien qed nitolbok b'qalb sinċiera u kont taf verament mill-mumenti koroh li kont għaddejja minnhom. U tabilħaqq, int smajt it-talba tiegħi u qlajtli l-grazzja li kont qed nitolbok. Nixtieq nirringrazzjak minn qiegħ qalbi u għalkemm għadda ftit taż-żmien, din l-ittra ta' ringrazzjament, dejjem kienet f'moħħi. Issa li qorob it-tieġ sew ħassejtni aktar fid-dover u obbligu biex nuri rringrazzjament tiegħi lejk, għax bl-interċessjoni tiegħek jien qlajt il-grazzja li tant kont nitlob.

Nixtieq ukoll li għaldaqstant, Madonna tal-Girgenti, li tkompli tbierek lili u lir-raġel futur tiegħi li dalwaqt ningħaqdu fil-ħajja taż-żwieġ. Nitolbok tkompli titfa' fuqna l-grazzja u l-barka tiegħek biex ikollna żwieġ hieni u jekk inhu mn'alla msebbaħ bit-tfal, u li tkun dejjem magħna fil-problemi kollha li għaddejjin minnhom u li għad niltaqgħu magħhom. Nitolbok biex dejjem timliena bl-imħabba tiegħek biex l-imħabba ta' bejnietna ma tintemm qatt...

Nirringrazzjak mill-fond ta' qalbi ta' kullma għamilt miegħi u ma dak kollu li nemmen għad trid tagħmel miegħi. Grazzi.

**E. Carabott minn B'Kara** tirringrazzja lil Alla għaliex bit-talb tal-Madonna tal-Girgenti u ta' San Piju ta' Pietralcina, l-operazzjoni li għamlet f'għajnejha, liema operazzjoni kienet ftit delikata, irnexxiet u tinsab tajba.



**N.N. tirringrazzja** lil Alla għaliex bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud hija sabet il-fejqan wara seba' snin marida.

**N.N. tirringrazzja** lil Alla għal grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni/Girgenti u ta' Ġuża Mifsud.

**C. Deguara mir-Rabat** tirringrazzja lil Alla għall-grazzji li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud.

**F. Agius minn B'Bugia** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna qalgħet grazzja kbira rigward il-mara tat-tifel tagħha.

**Victoria minn B'Bugia** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud qalgħet bosta grazzji, fosthom, li bintha ma kellha xejn serju minn dak li bdiet taħseb li kellha. Hija tirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti u lil Ġuża Mifsud li dejjem jidħlu għaliha kull meta titlobhom.

**M. Calleja minn B'Kara kitbet hekk:** Nirringrazzja lil Alla għaż-żewġ grazzji li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.
Is-sena l-oħra fis-Sajf it-tifel mar jaqta' xagħru. Il-parrukkier qaraslu l-ġilda ta' rasu u telgħatlu qisha boċċa ġo rasu li maż-żmien kompliet kibritlu. Bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud, jiena qlajt il-grazzja li din il-boċċa niżlitlu.
It-tieni grazzja li jiena qlajt mill-Madonna hija din. Fil-31 ta' Marzu ta' din is-sena, jiena, t-tifel u r-raġel morna nżuru lill-Madonna fil-Girgenti. L-għada t-tifel mar idewweb xi *nugget* taż-żraben ġo bott fuq il-*cooker* u dan qabadlu. Verament li kien miraklu li t-tifel ma nħaraqx u ma qabditx id-dar kollha. Jien ħassejt li kienet il-Madonna li konna għadna kemm żorniha l-jum ta' qabel li ħelsitna minn traġedja hekk kbira.

# AVVIŻ IMPORTANTI QUDDIESA

Nhar it-28 ta' Ottubru 2005 jaħbat id-disa' anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud. Ser tiġi ċelebrata quddiesa għar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi, lejliet, jiġifieri l-Ħamis 27 ta' Ottubru fis-6.30p.m. Kulħadd huwa mistieden.

# IT-TQASSIM TAL-FULJETT LEĦEN IL-GIRENTI

Filwaqt li nirringrazzja lil dawk li jqassmu diversi kopji tal-fuljett, nagħmel appell lil dawk li jirċievu l-kopja tal-fuljett bil-posta sabiex jinfurmawna jekk ikunu ser jibdlu l-indirizz jew inkella ma jkollhomx interess li jibqgħu jirċievu dan il-fuljett. Għalkemm il-fuljett jitqassam bla ħlas, iżda lilna jiġina mijiet ta' liri kull darba, biex nistampawh u ħlas ta' pustaġġ. Meta wieħed iqis li aħna ma niġbrux flus iżda niddependu biss mill-ġenerożità tal-qarreja u tad-devoti tal-Madonna, għandna lkoll nagħmlu l-almu tagħna sabiex dawn il-fuljetti jaslu fejn ikunu apprezzati u jħallu l-ġid.



# TRASPORT GĦAL LAQGĦAT FIL-GIRGENTI

Apparti t-transport li jkun organizzat mill-pjazza tas-Siġġiewi u li jitlaq kwarta qabel ma tibda l-laqgħa tat-talb (kemm l-ewwel u t-tielet Ħadd), kemm diversi rħula oħra li wkoll jorganizzaw *privates* jew *minibuses* għall-ewwel laqgħa tax-xahar, fost dawn hemm ta' Birkirkara u ta' tas-Sliema.

Nagħmel appell lin-nies ta' tas-Sliema, Msida, eċċ. li jkunu jridu jitilgħu il-Girgenti iżda jaqtgħu qalbhom minħabba t-transport sabiex jikkuntattaw lis-Sinjura Carmen Bonnett fuq in-numru tat-telephone 21311904. Kuraġġ, nuruhom lill-Mulej u l-Madonna li aħna vera nħobbuhom u li lesti nagħmlu ftit sagrifiċċju u nitilgħu il-Girgenti sabiex infaħħru lil Alla, nitolbu flimkien u nir-ringrazzjawhom ta' dak kollu li jagħtuna.

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek. Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik hajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.
*Glorja lill-Missier...*

***Ġentilment ninfurmawkom li issa għandna wkoll santi b'din it-talba ta' interċessjoni bl-Ingliż. Dawn is-santi jinkludu ritratt ta' Ġuża ħdejn l-inkwadru tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, informazzjoni fuq ħajjitha, t-talba ta' interċessjoni u t-talba mqassra tal-Madonna.***